FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

### Seduta ta' nhar L-Erbgha 15 ta' Mejju, 2002

**Avviz Nru:108/01PM**

**Jetglass Limited**

**Vs**

**Albert Quintano**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li fih l-attur talab il-hlas ta' mija u tmienja u sittin Lira Maltin, Lm168, rapprezentanti bejgh u twahhil ta' propellor kif ukoll cllearing charges kif spjegat fl- istess avviz;

Ra r-risposta tal-konvenut fejn ecepixxa l-preskrizzjoni ai termini tal-atikolu 2148 (a) tal-Kap 16 u minghajr pregudizju li l-propellor gie ritornat lis-socjeta' attrici u accettat mill-istess socjeta';

Ra d-dokumenti ezebiti;

Sema x-xhieda;

Anthony Farrugia ghas-socjeta’ attrici qal li l-kreditu huwa dovut “bejn Settembru, 1992 u Novembru, 1992” L-ammont ta’ mija u tmienja u erbghin Liri Maltin, Lm148, huwa dovut ghal propellor u l-ghoxrin Lira, LM20, ghal clearing charges;

Dr. Adrian Delia qal li ghal habta ta’ 1998 hu kiteb lill-konvenut li kien mar l-ufficcju lest biex ihallas l-ammont mitlub;

Il-konvenut qal li kien xtara zewg propellors fi 1992 izda hallas biss ghal wiehed minnhom. Il-konvenut cahad li kien qal lill-Dr. Delia li kien se jhallas;

Il-konvenut spjega li originarjament kien xtara’ zewg magni mis-socjeta’ attrici. Billi l-iskrun ma kienx tajjeb is-socjeta’ attrici kienet taghtu zewg skrejjen sabiex jippruvhom. Ma kienx hallas tal-iskrun originali. Hu hallas ghal wiehed miz-zewg skrejjen meta irceva t-tnejn f’ daqqa. Wiehed mill-iskrejjen imbaghad gie ritornat wara Sajf;

Illi skond l-artikolu 149(a) l-azzjoni attrici hi preskritta fi zmien sentejn il-bejgh;

Illi skond l-attur l-kreditu kien dovut, “bejn Settembru,1992 u Novembru, 1992”;

l-avviz gie pprezentat fis-16 ta’ Frar, 2001 u ghalhekk hafna wara li ghaddew is-sentejn;

Illi l-avukat Dr. Adrian Delia xehed li ghal habta ta’ 1998 kien kiteb lill-konvenut li kien gie l-ufficcju u talab iz-zmien biex ihallas. Dr. Delia qal li l- konvenut qallu li kien se jhallas l-ammont kollu;

Il-konvenut cahad li qatt qal lil Dr. Delia li kien se jhallas dan l-ammont;

Illi skond l-artikolu 2133 jekk id-debitur jaraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja l-preskrizzjoni tinkiser;

Illi meta l-preskrizzjoni tigi miksura imbaghad tibda miexja mill-gdid (Art.2136(2);

Illi hija s-socjeta’ attrici li trid tipprova li l-preskrizzjoni giet miksura. Fix-xhieda ta’ Dr. Delia ma hammx data meta l-konvenut kellem lil Dr.Delia ma hemmx data meta l-konvenut kellem lil Dr. Delia. L-ittra ta’ Dr. Delia ezebita fill-process hija datata 11 ta’ Movembru,1997. Jekk il-konvenut ammetta li l-ammont huwa dovut fi 1998 l-azzjoni attrici giet preskritta zgur fl-ahhar tas-sena elfejn. Illi l-kawza giet ipprezentata fi Frar, 2001;

Ghaldqsant jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici.

**Dr.Philip Manduca L.L.D.**

**Gudikatur**